

# 1.

Kont naf biss li jismu l-Professur Għasfur.

Tal-anqas hekk kienu jsejħulu. Dak iż-żmien ma kontx naf għaliex kien jismu hekk. Jgħidu li jsaffar malli tiġih xi idea ġdida. U mid-dehra minn dawn l-ideat jiġuh ħafna. Forsi għalhekk kellu dak il-laqam.

Ma kontx naf. Ma kellix idea. Sirt naf wara għaliex kienu jgħidulu l-Professur Għasfur.

Li naf hu li dħalt f'biċċa tinkiteb minħabba fih. U din hi l-istorja li se ngħidilkom hawn. Storja ta' avventura li qatt ma immaġinajt li

se ngħaddi minnha. Periklu kbir. Twerwir. Meravilji. Ħlejjaq li jaqtgħuk minn sidrek bil-biża'! Imma wkoll ġrajjiet ta' ferħ li bħalu qatt ma ħassejt f'ħajti.

OK, lanqas biss għidtilkom min jien. Jien Katrin. Għandi ħdax-il sena magħluqa. Għalaqthom xahrejn ilu. Qiegħda fis-sitt sena tal-primarja. Ma nħobbx nilgħab bil-pupi u x'naf jien, u l-*video games* idejquni.

Sħabi jqisuni stramba. Għax agħtini ktieb u tfajtni l-ġenna. L-iskola mmur tajjeb. Ħafna. Imma ma naħdimx biex immur tajjeb. L-għalliema jgħidu li jien brava. Ma nistax nifhem għaliex. Jien ma nħossnix brava.

Inħoss li jien biss jien. Dak kollox.

Imma l-biċċa tal-Professur Għasfur ma stennejtha qatt.

Kont naf li jeżisti. Min ma jafx fir-raħal? Għandu laboratorju ftit maqtugħ mill-bqija tad-djar. Fit-tarf tal-wied.

Ġanni, li kull filgħodu kmieni jgħaddi minn

hemm bil-merħla tal-mogħoż, jgħid li spiss jara beraq aħdar ħiereġ mit-twieqi ta' fuq tal-bini fejn jgħix il-Professur. U jisma' ħafna ħsejjes ukoll. Jgħid li impossibbli jispjegahom, imma l-mogħoż jitnaffru u jkollu battikata jipprova jżomm il-merħla fi triqitha. Anke kien qed jaħseb li forsi ma jgħaddix minn hemm aktar. Imma l-wied kien perfett għall-mogħoż biex jirgħu fih. Ir-raħal kien qed jinbena bla kontroll. Kuljum tara blokk *flats* ġdid xi mkien, u l-ħaxix fejn jirgħu l-annimali kien nieqes.

"Imma dak il-beraq anke lili jbeżża', aħseb u ara 'l-mogħoż," kien qal Ġanni, ixengel rasu u jaqleb għajnejh.

Smajt lil ommi u missieri jgħidu x'qal. Kont qed nagħmel il-*homework* fil-kċina u huma kienu fis-salott. X'aktarx ma kinux jafu li jien kont hemm.

"Naħseb li dak miġnun," qalet ommi, u għall-ewwel ħsibtha qed titkellem fuq Ġanni.



*"Imma dak il-beraq anke lili jbeżżа', aħseb u ara 'l-mogħoż," kien qal Ġanni.*

“Ma nafx x’inhu,” wieġeb missieri, “imma ħadd ma jaf xi jkun qed jivvinta f’dak il-laboratorju tiegħu.”

OK … għidt bejni u bejn ruħi. Mela fuq il-Professur Għasfur qed jitkellmu. Ma kinitx l-ewwel darba.

“Il-pulizija jafu xi jkun qed jagħmel?” staqsiet ommi.

Naħseb li missieri xengel rasu. Ma stajtx narah minn fejn kont.

“Mela forsi ta’ min xi ħadd jgħidilhom,” qalet hi, b’kemxejn rabja f’leħinha. “Dak għad jisplodi kullimkien. Il-wied u nofs ir-raħal!”

U issa nstemgħet beżgħana.

“U le,” qal missieri, li kellu ħabta kif jikkalma ’l ommi, li għaliha kollox kien qisha se taqa’ d-dinja. “Ċert li qegħdin iżommu għajnejhom fuqu. Mhux aħna biss nafu bil-Professur, tafx! Xi ħadd żgur li rrapporta x’jiġri f’dak il-bini f’tarf il-wied.”

Dak il-ħin ċempel it-telefown u d-diskursata bejniethom intemmet hemm.

Imma kienet biżżejjed biex nibbtet fija kurżità kbira dwar il-Professur.

OK, insejt ngħidilkom xi ħaġa oħra dwari. Jien kurjuża ħafna. Forsi għalhekk immur tajjeb fl-iskola, għax jekk ikolli kurżità dwar xi ħaġa ma noqgħodx bi kwieti qabel ma nsir naf kulma hu possibbli dwarha. Hekk nistudja jien. U nammetti li kollox jinteressani.

Imma jekk tidħolli xi ħaġa f'moħħi ma nkunx nista' nitlaqha qabel ma nkun nafha minn ġewwa sa barra. Pawlu tal-ġara kien darba qal li jien bħal Blackie, il-kelb tal-but ta' nannuh, li malli jaħtaf għadma fi snienu ma jitlaqhiex minn ħalqu qabel ma jtertaqha u minnha ma jibqa' xejn.

Kultant naħseb li Pawlu xi ftit għajjur għalija għax inġib kollox "A". Għandu jkun ġab "A" fis-somom f'ta' nofs is-sena hu wkoll. Voldieri m'għandux għalfejn jgħir.

Insomma … daħħaltha f'rasi li rrid insir naf x'kien qed jagħmel fil-bini ta' tarf il-wied dal-Professur Għasfur.

Kont nagħmel ħafna ħafna aktar ġid kieku bqajt hemm, b'rasi mgħaddsa ġo ktieb. Imma kulħadd għaref wara l-fatt.